MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Mandat Numru. 826/2013/1

**Pavel Eliashevic, ekonomista, ghazeb bin il-mejjet Arkadij u l-mejta Tatiana nee' Petrov, imwieled f'Sumskaja, fir-Russja u residenti f'appartment 82, Block 21, Portomaso, San Giljan**

**vs**

**Irina Sedova, mart Gianni D'Alessandro, bint Ivan Sedov u Nina nee' Chulina, imwielda f'Primorskyi Krai, fir-Russja u residenti f'appartament 72, Block 23, Portomaso, San Giljan**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni tat-3 ta' Gunju 2013 kontra l-intimata fejn it-talba teccedi €9,317.49 li giet milqugha provvizorjament dakinhar stess;

Rat ir-risposta tal-intimata li opponiet ghal hrug tal-mandat;

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Premess li l-ghan ta' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta' hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Din hi talba ghal hrug ta' mndat ta' inibizzjoni kontra l-intimata milli bxi mod tiddisponi mill-fond appartament 72 fil-Block 23 fil-kumpless Portomaso, San Giljan billi r-rikorrenti ghandu krediti pretiz ta' €230,000 skond kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 22 ta' Settembru 2010.

L-intimata rrispondiet illi dan il-mandat hu abbusiv billi gia inhargu mandat ta' qbid u iehor ta' sekwestru kontra l-intimata u r-rikorrent ipprezenta dan il-mandat billi ma vverifikax jekk il-pretensjoni tieghu hix kawtelata sew qabel jitlob il-hrug ta' dan il-mandat, li ma ghandux jinhareg jekk il-kreditur ghandu mezzi ohra biex jissalvagwarja d-dritt pretiz tieghu.

Il-Qorti rat l-atti u ser tqis qabel xejn illi jekk id-dritt pretiz mir-rikorrenti, li jidher li hu ppruvat b'mod prima facie mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-atti, hux gia kawtelat b'mezzi ohra. Din il-prova semmai ghandha ssir mid-debitur mhux l-kreditur. Anki pero minghajr din il-prova, l-

atti ma jurux l-ezitu tal-mandat ta' sekwestru li sar fl-2011 u li l-intimata kellha kull opportunita tesebixxi dokumentazzjoni jekk il-kreditu pretiz giex sodisfacentement kawtelat. In oltre l-mandat ta' qbid juri biss li nqabdu diversi bcejjec ta' ghamara mill-appartament li apparti li fil-fehma tal-Qorti huma ta' ammont zghir qua valur komparat mal-pretiz kreditu, hemm ukoll in atti oggezzjonijiet minn certu Bellia li jghid li l-ghamara hi tieghu ghax kien jikri l-istess appartament minghand l-intimata.

Ghalhekk jidher illi r-rikorrenti ghandu jedd prima facie li mhux kawtelat mod iehor u illi kien necessarju in vista tal-ammont pretiz mill-rikorrenti li l-assi immobiljari tal-intimata senjatament l-appartament imsemmi jigi ppreservat fil-patrimonju tal-intimata.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti ghal hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimata kif mitlub. L-ispejjez jithallsu mill-intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------